**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Joseph Attard**

Kaz Numru: 692/2015

Illum 26 ta' Jannar 2016

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Attard**, iben John u Josephine nee' Bonnici, imwieled fis-26 ta' Marzu 1986, residenti fil-fond 'Golden Eagle', Flat 1, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 17686(G), akkuzat talli nhar il-25 ta' Mejju 2014 ghall-habta ta' 21:45hrs, fi Triq l-Imgarr, Xewkija, Ghawdex:

1. Saq vettura bil-mutur tal-ghamla Suzuki Altao bin-numru tar-registrazzjoni JBN975 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna hsara fuq vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni JBU035 ghad-detriment ta' Aleandro Attard (ID No. 40393G);

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna hsara hsara fuq vettura bil-mutur tal-ghamla Suzuki Alto bin-numru tar-registrazzjoni JBN975 ghad-detriment ta' John Attard (I.D. No. 27144G);

4. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bhala ufficcjal pubbliku ghamel reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

Semghet lill-kwerelanti John Attard u Aleandro jiddikjaraw li ma kellhomx interess f'dawn il-proceduri, li kienu qed jirrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli u li kienu qed jaghzlu li ma jixhdux f'dawn il-proceduri.

Rat ukoll dokument ezebiti.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq provi.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li gie mismugh u li gie verbalizzat fis-seduta mizmuma quddiem il-Qorti, ma jirrizultax li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minnhom.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Joseph Attard hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

___________________________

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**